V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10620 — GIP / SSE / OTPP / SCOTIA GAS NETWORKS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 74/05)

1. Fis-7 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Global Infrastructure Partners ("GIP") (l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Ontario Teachers' Pension Plan Board ("OTPP") (il-Kanada),

— SSE plc ("SSE") (ir-Renju Unit),

— Scotia Gas Networks Ltd ("SGN") (ir-Renju Unit).

GIP, OTPP u SSE jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' SGN.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— GIP: maniġer ewlieni ta' fond tal-infrastruttura indipendenti ffukat fuq it-trasport, l-enerġija, l-iskart u setturi oħra,

— OTPP: l-amministrazzjoni tal-benefiċċji tal-pensjoni u l-investiment tal-assi tal-pjan tal-pensjoni,

— SSE: kumpanija multinazzjonali tal-enerġija. In-negozji ewlenin tal-ESS jikkonsistu fi tliet segmenti: i) SSEN Transmission, li hija s-sid, tħaddem u żżomm in-network ta' trażmissjoni tal-elettriċità fit-Tramuntana tal-Iskozja; ii) SSEN Distribution, li hija s-sid, tħaddem u żżomm in-networks tad-distribuzzjoni tal-elettriċità fit-Tramuntana tal-Iskozja u fin-Nofsinhar Ċentrali tal-Ingilterra; u iii) SSE Renewables, li twettaq l-iżvilupp, il-kostruzzjoni, it-tħaddim, u s-sjieda ta' assi li jiġġeneraw l-elettriċità minn sorsi rinnovabbli,

— SGN: it-tieni l-akbar network ta' distribuzzjoni tal-gass fir-Renju Unit. SGN hija s-sid ta' Scotland Gas Networks plc u Southern Gas Networks plc. Dawn iż-żewġ networks ikopru l-Iskozja kollha, in-nofsinhar ta' Londra u x-xlokk tal-Ingilterra.

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10620 — GIP / SSE / OTPP / SCOTIA GAS NETWORKS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.